Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,117, 19 ta' Settembru, 2023
Taqsima B

A.L. 215 tal-2023

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP
(KAP. 552)

Regolamenti tal-2023 dwar ir-Razzjonalizzazzjoni ta' Miżuri li Jmexxu 'l Quddiem it-Twettiq tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 84 u 85 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru responsabbli għall-Awtorità tal-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 dwar ir-Razzjonalizzazzjoni ta' Miżuri li Jmexxu 'l Quddiem it-Twettiq tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal proċeduri tal-għoti ta' permessi meħtieġa sabiex tiġi awtorizzata l-implimentazzjoni ta':

(a) proġetti li jagħmlu parti minn sezzjonijiet identifikati minn qabel tan-network ewlieni kif elenkat fl-Anness għad-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T); u

(b) proġetti fuq il-kuritur tan-network ewlieni "Skandinavu – Mediterran", li għalhekk jaffettwaw il-portijiet tal-Belt Valletta u ta' Marsaxlokk skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014, bi spiża totali li taqbeż tliet mitt miljun euro (€300,000,000) mhux esklussivament relatati ma' applikazzjonijiet telematiċi, ma' teknoloġiji ġodda u mal-innovazzjoni fi ħdan it-tifsir tal-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal

akkwisti pubbliċi fi proġetti transfruntieri li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T).

Tifsir.

2. (1) Kemm-il darba ma jingħadx xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw it-tifsiriet mogħtija fl-Att.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 552.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

"l-Awtorità" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att;

"awtorità konġunta" tfisser awtorità stabbilita bi ftehim reċiproku bejn Malta u wieħed (1) jew aktar Stati Membri tal-Unjoni Ewropea biex tiffaċilita l-proċeduri għall-għoti ta' permessi relatati ma' proġetti transfruntieri, inklużi awtoritajiet konġunti stabbiliti minn awtoritajiet maħtura meta dawk l-awtoritajiet maħtura jkunu ngħataw is-setgħa minn dawk l-Istati Membri biex jistabbilixxu awtoritajiet konġunti;

"deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni" tfisser id-deċiżjoni jew sett ta' deċiżjonijiet, li jistgħu jkunu ta' natura amministrattiva, meħuda simultanjament jew suċċessivament mill-Awtorità, li ma jinkludux deċiżjonijiet ulterjuri ta' appell, li jiddeterminaw jekk promotur ta' proġett huwiex intitolat jimplimenta l-proġett fiż-żona ġeografika kkonċernata jew le, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' appell amministrattiva jew ġudizzjarja;

"Direttiva 2014/24/UE" tfisser id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE;

"Direttiva 2014/25/UE" tfisser id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE;

"Direttiva (UE) 2021/1187" tfisser id-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021

dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T);

"proċedura tal-għoti tal-permessi" tfisser kwalunkwe proċedura ta' determinazzjoni ta' applikazzjoni, mid-data ta' validazzjoni, ta' proġett individwali li jaqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti sabiex tinkiseb id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni kif meħtieġ mill-Awtorità taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea jew dik nazzjonali, bl-eċċezzjoni ta' ippjanar urban jew tal-użu tal-art, ta' proċeduri relatati mal-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, u ta' passi meħuda fuq livell strateġiku li ma jirreferux għal proġett speċifiku, bħal valutazzjoni ambjentali strateġika, ippjanar tal-baġit pubbliku, kif ukoll pjanijiet ta' trasport nazzjonali jew reġjonali;

"proġett" tfisser proposta għall-bini, l-adattament jew il-modifika ta' sezzjoni definita tal-infrastruttura tat-trasport li għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità, is-sigurtà u l-effiċjenza ta' dik l-infrastruttura u li l-implimentazzjoni tagħha teħtieġ approvazzjoni permezz ta' deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni;

"proġett transfruntier" tfisser proġett li jkopri sezzjoni transfruntiera bejn żewġ (2) Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jew aktar;

"promotur tal-proġett" tfisser l-applikant għall-awtorizzazzjoni tal-implimentazzjoni ta' proġett jew l-awtorità pubblika li tibda proġett;

"Regolament (UE) 1315/2013" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE;

"Regolament (UE) 2021/1153" tfisser ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014.

Status ta' prijorità.

3. (1) L-Awtorità, u kwalunkwe awtorità oħra involuta fil-proċedura tal-għoti tal-permessi, għandha tagħti prijorità lill-proġetti li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-proċeduri nazzjonali għal proġetti ta' prijorità għandhom jiġu applikati għal proġetti li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti, mingħajr preġudizzju għall-għanijiet, ir-rekwiżiti u l-limiti ta' żmien ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjonijiet baġitarji.

Obbligi tal-Awtorità.

4. (1) L-Awtorità għandha:

(a) tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tipprovdi lill-promoturi tal-proġetti li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti b'informazzjoni li tkun faċilment disponibbli dwar l-identità tagħha;

(b) tkun il-punt ta' kuntatt għall-informazzjoni għall-promotur tal-proġett u għal awtoritajiet rilevanti oħra involuti fil-proċedura li twassal għad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni għal proġett partikolari;

(ċ) tipprovdi lill-promotur tal-proġett, fejn tkun hekk meħtieġa taħt il-liġi nazzjonali, bid-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni tal-proġett msemmija fir-regolament 6(6), inkluż informazzjoni dwar il-limiti taż-żmien indikattivi relatati mal-proċeduri tal-għoti ta' permessi, skont il-limitu ta' żmien ta' erba' (4) snin imsemmi fir-regolament 5(1);

(d) tissorvelja l-iskeda ta' żmien tal-proċedura tal-għoti tal-permessi, u b'mod partikolari tirreġistra kwalunkwe estensjoni tal-limitu ta' żmien imsemmi fir-regolament 5(3);

(e) jekk mitluba, tagħti gwida lill-promotur tal-proġett dwar is-sottomissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha, inklużi l-permessi, id-deċiżjonijiet u l-opinjonijiet kollha li jridu jinkisbu u jiġu pprovduti għad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni;

(2) L-Awtorità tista' ukoll tagħti gwida lill-promotur tal-proġett dwar liema informazzjoni u, jew dokumenti addizzjonali għandhom jiġu ppreżentati f'każ li n-notifika msemmija fir-regolament 6(1) tkun ġiet miċħuda.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) għandhom jkunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' kwalunkwe awtoritajiet oħrajn involuti fil-proċedura tal-għoti tal-permessi u għall-possibbiltà li l-promotur tal-proġett jikkuntattja lill-awtoritajiet individwali għall-permessi, deċiżjonijiet jew opinjonijiet speċifiċi li jiffurmaw parti mid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

Tul ta' żmien tal-proċedura għall-għoti tal-permessi.

5. (1) Il-proċedura tal-għoti tal-permessi, inklużi l-iskadenzi għal dik il-proċedura, ma għandhiex teċċedi erba' (4) snin mill-bidu tal-proċedura tal-għoti tal-permessi.

(2) Is-subregolament (1) għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mil-liġi internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea u ma għandux jinkludi perjodi li jkunu meħtieġa biex jiġu istitwiti proċeduri ta' appell u biex jintalbu rimedji ġudizzjarji quddiem qorti jew tribunal, kif ukoll kwalunkwe perjodi meħtieġa biex jiġu implimentati kwalunkwe deċiżjonijiet jew rimedji li jirriżultaw.

(3) L-Awtorità għandha tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li, f'każijiet debitament ġustifikati, tkun tista' tingħata estensjoni xierqa għall-perjodu ta' erba' (4) snin imsemmi fis-subregolament (1). It-tul ta' żmien tal-estensjoni għandu jiġi ddeterminat skont il-każ, għandu jkun debitament ġustifikat u limitat għall-fini li titlesta l-proċedura tal-għoti tal-permessi u li tingħata d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. Meta tali estensjoni tkun ingħatat, il-promotur tal-proġett għandu jiġi infurmat bir-raġunijiet għall-għoti tagħha. Estensjoni oħra tista' tingħata darba, taħt l-istess kondizzjonijiet.

(4) L-Awtorità ma għandhiex tinżamm responsabbli fejn il-perjodu ta' erba' (4) snin imsemmi fis-subregolament (1), kif estiż skont is-subregolament (3), ma jkunx imħares fejn id-dewmien imġarrab ikun dovut għall-promotur tal-proġett.

Organizzazzjoni tal-proċedura tal-għoti tal-permessi.

6. (1) Il-promotur tal-proġett għandu jinnotifika l-proġett lill-Awtorità jew, fejn xieraq, lill-awtorità konġunta stabbilita skont ir-regolament 7(2). In-notifika tal-proġett mill-promotur tal-proġett għandha sservi bħala l-bidu tal-proċedura tal-għoti tal-permessi.

(2) Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-maturità tal-proġett, l-Awtorità għandha twettaq il-proċess tal-vetting tan-notifika sabiex tiddefinixxi l-livell ta' dettal ta' informazzjoni u d-dokumenti relevanti li għandhom jiġu pprovduti mill-promotur tal-proġett meta jinnotifika proġett. Jekk il-proġett ma jkunx matur, in-notifika għandha tiġi miċħuda permezz ta' deċiżjoni debitament ġustifikata mhux aktar tard minn erba' (4) xhur wara l-wasla tan-notifika.

(3) L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-promoturi tal-proġett jirċievu informazzjoni ġenerali bħala gwida għan-notifika, adattata, fejn rilevanti, għall-mod ta' trasport ikkonċernat, li tinkludi informazzjoni dwar il-permessi, id-deċiżjonijiet u l-opinjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' proġett.

(4) Dik l-informazzjoni għandha, għal kull permess, deċiżjoni jew opinjoni, tinkludi dan li ġej:

(a) informazzjoni ġenerali dwar l-ambitu materjali u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata

mill-promotur tal-proġett;

(b) il-limiti ta' żmien applikabbli jew, fin-nuqqas ta' tali limiti ta' żmien, limiti ta' żmien indikattivi; u

(ċ) dettalji tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati normalment involuti f'konsultazzjonijiet marbuta mal-permessi, id-deċiżjonijiet u l-opinjonijiet differenti.

(5) Dik l-informazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli għall-promoturi tal-proġetti relevanti kollha, b'mod partikolari permezz ta' portali ta' informazzjoni elettroniċi jew fiżiċi.

(6) Sabiex tkun iffaċilitata n-notifika b'suċċess, l-Awtorità tista' tistabbilixxi, fuq talba mill-promotur tal-proġett, deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni tal-proġett. Din id-deskrizzjoni dettaljata għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja li titfassal *ad hoc* għall-proġett individwali:

(a) l-istadji individwali tal-proċedura u l-limiti ta' żmien applikabbli jew, fin-nuqqas ta' tali limiti ta' żmien, limiti ta' żmien indikattivi;

(b) l-ambitu materjali u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-promotur tal-proġett;

(ċ) lista ta' permessi, deċiżjonijiet u opinjonijiet li għandhom jinkisbu mill-promotur tal-proġett matul il-proċedura tal-għoti tal-permessi, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea u dik nazzjonali;

(d) id-dettalji tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati li għandhom ikunu involuti b'konnessjoni mal-obbligi rispettivi, inkluż matul il-fażi formali tal-konsultazzjoni pubblika.

(7) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni tal-proġett għandha tibqa' valida matul il-proċedura tal-għoti tal-permessi. Kwalunkwe emenda li ssir fid-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni tal-proġett għandha tkun debitament ġustifikata.

(8) L-Awtorità tista' tipprovdi lill-promotur tal-proġett, fuq talba, l-informazzjoni li tissupplimenta l-elementi msemmija fis-subregolament (6).

(9) Meta l-promotur tal-proġett ikun issottometta l-applikazzjoni għall-iżvilupp sħiħa u kompleta, din għandha tiġi vvalidata mill-Awtorità u d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni għandha tiġi

adottata fil-limitu ta' żmien imsemmi fir-regolament 5(1).

(10) L-awtoritajiet involuti fil-proċedura tal-għoti tal-permessi għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità li l-permessi, id-deċiżjonijiet, u l-opinjonijiet ta' awtorizzazzjoni li kienu meħtieġa jkunu nħarġu.

Koordinazzjoni ta' proċeduri transfruntieri għall-għoti ta' permessi.

7. (1) Għal proġetti soġġetti għal dawn ir-regolamenti li jikkonċernaw lil Malta u wieħed (1) jew aktar Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-Awtorità għandha tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri bil-għan li tikkoordina l-iskedi ta' żmien tagħhom u taqbel dwar skeda ta' żmien konġunta fir-rigward tal-proċedura tal-għoti tal-permessi.

(2) Għal proġetti transfruntieri soġġetti għal dawn ir-regolamenti, tista' tiġi stabbilita awtorità konġunta.

(3) Flimkien mal-istipulazzjonijiet fis-subregolament (1), l-Awtorità għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-Koordinaturi Ewropej nominati taħt l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jirċievu informazzjoni dwar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi, u li l-Koordinaturi Ewropej jistgħu jiffaċilitaw il-kuntatti bejn l-awtoritajiet maħtura fil-kuntest tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti transfruntieri.

(4) L-Awtorità għandha, jekk ma jiġix osservat il-limitu ta' żmien imsemmi fir-regolament 5(1), u fuq talba tagħhom, tipprovdi lill-Koordinaturi Ewropej ikkonċernati b'informazzjoni dwar il-miżuri meħuda jew ippjanati li jittieħdu sabiex il-proċedura tal-għoti ta' permessi tkun tista' tiġi konkluża bl-inqas dewmien possibbli.

Akkwist fi proġetti transfruntieri.

8. (1) Meta l-proċeduri ta' akkwist jitwettqu minn awtorità konġunta fi proġett transfruntier soġġett għal dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-awtorità konġunta tapplika l-liġi nazzjonali ta' wieħed (1) mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea parteċipanti u, dik il-liġi għandha tiġi determinata skont il-paragrafu (a) tal-Artikolu 39(5) tad-Direttiva 2014/24/UE jew il-paragrafu (a) tal-Artikolu 57(5) tad-Direttiva 2014/25/UE, kif applikabbli, sakemm ftehim bejn l-Istati Membri parteċipanti ma jipprovdix xort'oħra. Tali ftehim għandu, fi kwalunkwe każ, jipprovdi għall-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali ta' wieħed (1) mill-Istati Membri parteċipanti għall-proċeduri ta' akkwist imwettqa mill-awtorità konġunta.

(2) Għall-akkwist mwettqa minn sussidjarja ta' awtorità konġunta, l-Awtorità għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li s-sussidjarja tapplika l-liġi nazzjonali ta' wieħed (1) mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea parteċipanti. L-Awtorità tista' tiddeċiedi b'mod konġunt mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti li

s-sussidjarja għandha tapplika l-liġi nazzjonali applikabbli għall-awtorità konġunta.

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

9. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal proġetti li għalihom il-proċeduri tal-għoti ta' permessi jkunu bdew qabel l-10 ta' Awwissu 2023.

(2) Ir-regolament 8 għandu japplika biss għal dawk il-kuntratti li għalihom tkun inħarġet is-sejħa għall-kompetizzjoni, jew, f'każijiet fejn ma tkunx prevista sejħa għal kompetizzjoni, fejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun bdiet il-proċedura ta' akkwist wara l-10 ta' Awwissu 2023.

(3) Ir-regolament 8 ma għandux japplika għal awtorità konġunta mwaqqfa qabel id-9 ta' Awwissu 2021, jekk il-proċeduri ta' akkwist ta' dik l-awtorità konġunta jibqgħu jiġu regolati mil-liġi applikabbli għall-akkwisti tagħha f'dik id-data.